MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2014

Citazzjoni Numru. 618/2014

**Frozone Limited**

**vs**

**Oliver Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-10 ta’ Lulju 2014 li jghid hekk:

Illi s-scojeta rikorrenti, hija socjeta illi tinnegozja fix-xoghol ta' importazzjoni w biegh ta' laham u prodotti relatati mal-istess.

Illi l-intimat Oliver Azzopardi huwa klijent regolari tas-socjeta rikorrenti, izda dan l-ahhar huwa waqaf milli jhallas, anzi addirittura kien hareg diversi cekkijiet favur is-socjeta rikorrenti, liema cekkijiet izda ma setghux jigu onorati stante illi ma kienx hemm fondi fil-kont bankarju relattiv.

Illi l-intimat huwa debitur tas-socjeta rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' tlieta u tletin elf seba' mija w hamsa u ghoxrin ewro w disgha u disghin centezmu (€33,725.99), bilanc minn somma akbar, rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha w konsenjata lill-intimat fuq ordni tieghu stess.

Illi minkejja illi l-intimat gie interpellat sabiex ihallas, u minkejja diversi promessi ta' pagament huwa baqa' inadempjenti.

Illi dan id-debitu huwa cert likwidu w dovut u fl-opinjoni tar-rikorrenti l-intimat ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti w ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza abbazi tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din il-Qorti m'ghandiex: [1] taqta u tiddecidi l-kawza abbazi tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 u cjoe bid-dispensa tas-smigh; [2] tiddikjara lill-intimat bhala debitur tas-socjeta rikorrenti fis-somma ta' tlieta u tletin elf seba' mija hamsa u ghoxrin ewro w disgha u disghin centezmu (€33,725.99); [3] tordna lill-intimat sabiex ihallas lis-socjeta rikorrenti dik is-somma hekk likwidata. Kollox skond kif gie dikjarat aktar il-fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-imghax mid-data ta' kull skadenza u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment mal-prezenti kontra l-intimat li minn issa jibqa' ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta attrici;

Rat in-nota tal-konvenut tat-30 ta' Lulju 2014 fejn ammetta t-talbiet tas-socjeta attrici u iddikjara wkoll li mhux ser jipprezenta eccezzjonijiet kif mitlub jaghmel skond il-verbal tat-28 ta' Lulju 2014.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' tlieta u tletin elf seba' mija u hamsa u ghoxrin ewro w disgha u disghin centezmu (€33,725.99), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kollha kif mitluba sad-data tal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------